



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0344/2013**

22.10.2013

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (COM(2013)0155 – C7-0086/2013 – 2013/0084(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Tatjana Ždanoka

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- (III) Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS .....	12
PROĊEDURA.....	17



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità  
(COM(2013)0155 – C7-0086/2013 – 2013/0084(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013)0155),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0086/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0344/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

**Proposta għal regolament**  
**Premessa -1 (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(-1) Sabiex tiġi miġġielda b'mod effettiv id-diskriminazzjoni, skont l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), biex jassistu fl-iżgurar tal-konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u biex jiġi segwit l-għan***

*ta' livell massimu ta' impjegi u progress soċjali, skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif ukoll sabiex jiġi sorveljat il-progress lejn l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni, bħall-miri ewlenin tal-Ewropa 2020, jeħtieġ li jkun hemm statistiċi komparabbli, affidabbli u oġġettivi dwar is-sitwazzjoni ta' persuni impjegati, persuni qiegħda u persuni barra mis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġu rispettati l-kunfidenzjalità statistika, il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali.*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġislattivi partikolari, speċjalment biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi. **Il-Kummissjoni għandha tiżgura li** dawn l-atti delegati **ma jimponux** piż **amministrattiv** addizzjonali **sinifikanti** fuq l-Istati Membri u fuq **l-unitajiet li jwieġbu**.

##### *Emenda*

(3) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġislattivi partikolari, speċjalment biex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi. Dawn l-atti delegati **m'għandhomx jimponu** piż addizzjonali **sproporzjonat** fuq l-Istati Membri u fuq **dawk li jwieġbu**.

## Emenda 3

### Proposta għal regolament

#### Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Fid-dawl tal-importanza tal-moduli ad hoc tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol **b'appoġġ** għall-politiki tal-Unjoni, **hija proposta** kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tagħhom **permezz ta' proċeduri ta' għotja**, mingħajr sejħiet għal proposti. L-għotjiet

##### *Emenda*

(8) Fid-dawl tal-importanza tal-moduli ad hoc tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol għall-politiki tal-Unjoni, **għandha tingħata** kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tagħhom, **skont il-prinċipju tal-kondiviżjoni raġjonevoli tal-ispejjeż**

għandhom jingħataw lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea. L-għotjiet li jingħataw bl-għan li jitwettqu stħarriġiet dwar il-forza tax-xogħol jistgħu jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa. F'dan il-kuntest, l-użu ta' somom f'daqqa għandu jkun **mezz ewlieni** kif tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-għotjiet.

**finanzjarji bejn il-baġits tal-Unjoni u tal-Istati Membri. L-għotjiet għandhom jingħataw** mingħajr sejħiet għal proposti, **b'mod konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni**<sup>1</sup>. L-għotjiet għandhom jingħataw, **bil-kundizzjoni li l-moduli ad hoc jiġu effettivament implimentati**, lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea. L-għotjiet li jingħataw bil-għan li jitwettqu stħarriġiet dwar il-forza tax-xogħol jistgħu jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa. F'dan il-kuntest, l-użu ta' somom f'daqqa għandu jkun **wieħed mill-mezzi ewlenin** kif tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-għotjiet.

---

<sup>1</sup> *ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.*

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 9

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) B'deroga mill-Artikolu 126(3)(e) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, minħabba ż-żieda **fil-piż amministrattiv** b'rabta mal-informazzjoni addizzjonali li trid tinġabar **għall-Istħarriġ** dwar il-Forza tax-Xogħol li se jgħin biex jiġu pprovduti l-indikaturi **għal tlieta mill-miri ewlenin tal-Ewropa 2020**, jeħtieġ li jiġu konfinanzjati l-ispejjeż tas-salarji tal-

###### *Emenda*

(9) B'deroga mill-Artikolu 126(3)(e) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, minħabba ż-żieda **fl-ammont ta' xogħol** b'rabta mal-informazzjoni addizzjonali li trid tinġabar **għall-moduli ad hoc tal-Istħarriġ** dwar il-Forza tax-Xogħol li se jgħin biex jiġu pprovduti l-indikaturi **tal-miri politiki tal-Unjoni**, jeħtieġ li jiġu konfinanzjati l-ispejjeż tas-

persunal ta' amministrazzjonijiet nazzjonali anki jekk l-awtorità pubblika rilevanti tkun wettqet l-azzjoni sostnuta mingħajr għotja tal-UE.

salarji tal-persunal ta' amministrazzjonijiet nazzjonali anki jekk l-awtorità pubblika rilevanti tkun wettqet l-azzjoni sostnuta mingħajr għotja tal-UE.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jeħtieġ li l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri li nbdew iżda ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(12) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jeħtieġ li **jiġi żgurat li** l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri li nbdew iżda ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 Regolament (KE) Nru 577/98 Artikolu 7a – paragrafu 1 (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7c **dwar sett addizzjonali ta' varjabbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "modulu ad hoc") sabiex jissupplimenta l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 4(1), inklużi** s-suġġett, il-perjodu ta' referenza, id-daqs tal-kampjun (indaqs jew inqas mid-daqs determinat tal-kampjun skont l-Artikolu 3) u l-iskadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati (li tista' tkun differenti mill-iskadenza skont l-Artikolu 6).

#### *Emenda*

1. **Jista' jiżdied sett addizzjonali ta' parametri varjabbli li jissupplimenta l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 4(1) ("il-modul ad hoc").** Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7c **li jistabbilixxi programm pluriennali ta' moduli ad hoc, li jispeċifika** s-suġġett, il-perjodu ta' referenza, id-daqs tal-kampjun (indaqs jew inqas mid-daqs determinat tal-kampjun skont l-Artikolu 3), **il-lista tal-parametri varjabbli**, u l-iskadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati (li tista' tkun differenti mill-iskadenza skont l-Artikolu 6).

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tirrifletti, għal skopijiet tal-abbozzar ċar u t-trasparenza, il-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 577/98 attwali.*



## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 577/98

Artikolu 7b (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Unjoni tista' ttiprovdi **appoġġ finanzjarju** lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija bħala l-benefiċjarji magħżula fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għall-implimentazzjoni tal-moduli ad hoc kif imsemmi fl-Artikolu 7a **skont l-Artikolu X** tar-Regolament (UE) Nru XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni, [COM (2011) 609 finali].

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 577/98

Artikolu 7c – paragrafu 2 (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta teżerċita s-setgħat delegati b'konformità mal-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż **amministrattiv** addizzjonali **sinifikanti** fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu.

#### *Emenda*

**Bi qbil mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012**, l-Unjoni tista' ttiprovdi **għotjiet, mingħajr sejħa għal proposti**, lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija bħala l-benefiċjarji magħżula fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għall-implimentazzjoni tal-moduli ad hoc kif imsemmi fl-Artikolu 7a, **skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu X** tar-Regolament (UE) Nru XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni, [COM (2011) 609 finali]. **L-għotjiet jistgħu jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa u jingħataw bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jipparteċipaw b'mod reali fl-implimentazzjoni tal-moduli ad hoc.**

#### *Emenda*

2. Meta teżerċita s-setgħat delegati b'konformità mal-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż addizzjonali **sproporzjonat** fuq l-Istati Membri u fuq dawk li jwieġbu. **Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha debitament tiġġustifika l-azzjonijiet f'dawk l-atti delegati intenzjonati u**

*għandha ttipprovdi l-informazzjoni b'kontribut mill-Istati Membri dwar il-piż u l-ispejjeż tal-produzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 577/98

Artikolu 7c – paragrafu 3 (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *żmien indeterminat* minn (*Uffiċju tal-pubblikazzjonijiet*: daħħal id-data *preċiża* tad-dħul fis-seħħ *tar-Regolament* emendatorju).

#### *Emenda*

3. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *ħames snin* minn ...\* *Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*

---

\* *ĠU*: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ *ta' dan ir-Regolament*.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 577/98

Artikolu 7c – paragrafu 6 (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien *xahrejn* min-notifika ta'

#### *Emenda*

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien *tliet xhur* min-notifika ta'

dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dan iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jkunu informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dan iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jkunu informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż ***bi tliet xhur*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

22.7.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità  
(COM(2013)0155 – C7-0086/2013 – 2013/0084(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jean Louis Cottigny

### ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS), huwa l-qafas ta' referenza għall-ġbir ta' statistika dwar is-suq tax-xogħol fl-Ewropa.

L-element prinċipali tal-LFS huwa supplimentat minn modulu ad hoc li jirrigwarda suġġett differenti minn sena għall-oħra, pereżempju, fl-2013, l-inċidenti fuq ix-xogħol u problemi ta' saħħa oħra marbuta max-xogħol. Skont il-Kummissjoni Ewropea (Eurostat), filwaqt li l-istħarriġ prinċipali jirrappreżenta l-istess grad ta' interess fil-livell nazzjonali u dak Ewropew, dan il-modulu jservi qabel kollox biex jipprovdi indikaturi neċessarji għat-twertiq ta' inizjattivi politiċi speċifikament Ewropej bħall-Istrateġija Ewropea għall-Impieg jew l-Europa 2020.

Minħabba d-dimensjoni prinċipalment Ewropea tal-modulu ad hoc kif ukoll l-ispejjeż amministrattivi mġarrba minħabba r-riċerka ta' informazzjoni addizzjonali u differenti minn sena għall-oħra, l-Eurostat iltaqa' fil-passat ma' diffikultajiet sabiex jikseb il-kooperazzjoni sħiħa tal-Istati Membri u l-istituti nazzjonali tal-istatistika tagħhom fl-implimentazzjoni tal-moduli. Sabiex l-Eurostat ikun jista' jisfrutta bis-sħiħ id-data li ġejja mill-awtoritajiet nazzjonali, l-istħarriġ għandu jitwettaq b'mod omoġenju fl-Istati Membri kollha.

Barra minn allinjament mas-sistema ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, l-għan essenzjali ta' din il-proposta huwa li tiġi introdotta bażi ġuridika għal għotjiet futuri lill-istituti nazzjonali tal-istatistika, fil-forma ta' somom f'daqqa u mingħajr sejħa għal proposti.

Ir-Rapporteur jipproponi li jiġi appoġġat il-prinċipju ta' sostenn finanzjarju lill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali għal attivitajiet ta' statistika li jippreżentaw valur miżjud Ewropew

ġenwin, kif propost mill-Kummissjoni. Huwa josserva li l-programm statistiku Ewropew 2013-2017 huwa diġà bbażat fuq prinċipju simili ta' kondivizzjoni raġonevoli tal-ispejjeż finanzjarji bejn il-baġits tal-Unjoni u l-Istati Membri. Il-modulu ad hoc tal-LFS jippreżenta fil-fatt dimensjoni Ewropea kbira u jinvolvi, għall-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, piż ta' xogħol addizzjonali max-xogħol regolari tagħhom.

Ir-Rapporteur jipproponi wkoll li jiġu eżaminati l-emendi intiżi sabiex jiġi żgurat li l-kofinanzjament se jirriżulta f'attivitajiet implimentattivi effettivi min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali għall-moduli ad hoc tal-LFS, b'mod koerenti mar-Regolament Finanzjarju u mar-regolamenti simili fil-qasam tal-istatistika bħall-Programm Statistiku Ewropew 2013-2017.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Fid-dawl tal-importanza tal-moduli ad hoc tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni, hija proposta kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' proċeduri ta' għotja, mingħajr sejħiet għal proposti. L-għotjiet għandhom jingħataw lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea. L-għotjiet li jingħataw bl-għan li jitwettqu sħarriġiet dwar il-forza tax-xogħol jistgħu jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa. F'dan il-kuntest, l-użu ta' somom f'daqqa għandu jkun mezz ewlieni kif tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-għotjiet.

##### *Emenda*

(8) Fid-dawl tal-importanza tal-moduli ad hoc tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni, hija proposta kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tagħhom, ***skont il-prinċipju ta' kondivizzjoni raġjonevoli tal-ispejjeż finanzjarji bejn il-baġit tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dan il-finanzjament għandu jingħataw*** permezz ta' proċeduri ta' għotja, mingħajr sejħiet għal proposti, ***b'mod konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni<sup>1</sup>.*** L-għotjiet għandhom jingħataw, ***bil-kundizzjoni li l-moduli ad hoc jiġu effettivament implimentati***, lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE)

Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea. L-għotjiet li jingħataw bl-għan li jitwettqu stħarriġiet dwar il-forza tax-xogħol jistgħu jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa. F'dan il-kuntest, l-użu ta' somom f'daqqa għandu jkun mezz ewlieni kif tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-għotjiet.

---

<sup>1</sup> *ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 577/98

Artikolu 7 a – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7c **dwar sett addizzjonali ta' varjabbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “modulu ad hoc”) sabiex jissupplimenta l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 4(1), inklużi s-suġġett**, il-perjodu ta' referenza, id-daqs tal-kampjun (indaqs jew inqas mid-daqs determinat tal-kampjun skont l-Artikolu 3) u l-iskadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati (li tista' tkun differenti mill-iskadenza skont l-Artikolu 6).

#### *Emenda*

1. **Sett addizzjonali ta' varjabbli , minn issa 'l quddiem magħrufa bħala “modulu ad hoc”, jista' jikkomplimenta l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 4(1).** Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7c **sabiex tistabbilixxi programm pluriennali ta' moduli ad hoc li jippreżentaw is-suġġett**, il-perjodu ta' referenza, id-daqs tal-kampjun (indaqs jew inqas mid-daqs determinat tal-kampjun skont l-Artikolu 3) u l-iskadenza għat-trażmissjoni tar-riżultati (li tista' tkun differenti mill-iskadenza skont l-Artikolu 6).

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tirrifletti, għal skopijiet ta' abbozzar ċar u t-trasparenza, il-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 577/98 attwali.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 577/98

Artikolu 7b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Unjoni tista' ttiprovdi **appoġġ finanzjarju** lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra **msemmija bħala l-benefiċjarji magħżula** fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għall-implimentazzjoni tal-moduli ad hoc kif imsemmi fl-Artikolu 7a **skont l-Artikolu X** tar-Regolament (UE) Nru XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni, [COM (2011) 609 finali].

#### *Emenda*

**Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(1) tar-Regolament (UE, Eurotom) Nru 966/2012**, l-Unjoni tista' ttiprovdi lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra **previsti** fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 **għotjiet mingħajr sejħa għal proposti** għall-implimentazzjoni tal-moduli ad hoc kif imsemmi fl-Artikolu 7a **għall-azzjonijiet previsti fl-Artikolu X** tar-Regolament (UE) Nru XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni, [COM (2011) 609 finali] **Dawn l-għotjiet jistgħu jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa u huma suġġetti għall-parteciġazzjoni sħiħa tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-moduli ad hoc.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tinkludi fit-test leġiżlattiv referenza espliċita għall-użu ta' somom f'daqqa, kif propost mill-Kummissjoni, kif ukoll referenza għall-Artikolu 128(1) tar-Regolament Finanzjarju, li jipprevedi eċċezzjoni għall-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti għall-benefiċjarji identifikati f'att bażiku.*

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Organisation d'une enquête par sondage sur les forces de travail dans la Communauté
<b>Referenzi</b>	(COM(2013)0155 – C7-0086/2013 – 2013/0084(COD))
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 16.4.2013
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 16.4.2013
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jean Louis Cottigny 15.4.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	11.7.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 –: 3 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Lucas Hartong, Jutta Haug, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Claudio Morganti, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Andrej Plenković, Dominique Riquet, Alda Sousa, Oleg Valjalo, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Da Graça Carvalho, Edit Herczog, Paul Rübig, Catherine Trautmann
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Zdravka Bušić



## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità	
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0155 – C7-0086/2013 – 2013/0084(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	22.3.2013	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 16.4.2013	
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 16.4.2013	JURI 16.4.2013
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċizzjoni	JURI 15.4.2013	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Tatjana Ždanoka 17.4.2013	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	18.9.2013	
<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.10.2013	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 30	–: 2
	0: 3	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Edit Bauer, Heinz K. Becker, Jean-Luc Bennahmias, Phil Bennion, Vilija Blinkevičiūtė, Philippe Boulland, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Minodora Cliveti, Marije Cornelissen, Emer Costello, Frédéric Daerden, Richard Falbr, Thomas Händel, Stephen Hughes, Patrick Le Hyaric, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Csaba Öry, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Nicole Sinclair, Jutta Steinruck, Andrea Zanoni, Inês Cristina Zuber	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Sergio Gutiérrez Prieto, Anthea McIntyre, Tatjana Ždanoka	
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eric Andrieu, Pilar Ayuso, Eduard-Raul Hellvig, Roberta Metsola	
<b>Data tat-tressiq</b>	22.10.2013	